**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 62/18 AGV**

A

vs

Avukat Dr.Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-assenti B .

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fit-13 ta' Mejju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fil-15 ta' Lulju, 1996, gewwa Al Kut, l-Iraq, bir-rit Islamiku.
2. Illi l-esponenti dam ighix sena biss ma' martu u wara telaq minn pajjizu biex qatt ma mar lura.
3. Minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx tfal.

4. Illi l-kontendenti ilhom aktar minn erba' snin separati *de facto* u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghall-rikonciljazzjoni bejniethom u ma hemm l-ebda pendenza rigward manteniment.
5. Illi l-esponent ilu Malta mill-2002 u gie bhala refugjat, fejn ghadu jghix sallum u matul dawn is-snin qatt aktar ma kkomunika ma' martu.
6. Illi l-imsemmija B  hija assenti minn Malta u l-esponenti ma jafx x'sar minnha.
7. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

(i) Tiddikjara d-divorzju u/jew hall taz-zwieg ikkuntrattat fl-Iraq bejn il-kontendenti fil-15 ta' Lulju, 1996; u
(ii) Tordna  lir-Registratur tal-Qrati sabiex jirregistra d-divorzju u/jew hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku skond il-ligi.

Rat ir-Risposta tal-intimat li eccepixxa illi l-esponenti mhuwiex edotti mill-fatti u ghalhekk qedghin jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta motivata f'kaz u jekk jigu edotti mill-fatti.

**<u>Fatti</u>**

Rat ix-xhieda tar-rikorrent li jispjega illi hu kien izzewweg lil B fil-15 ta' Lulju, 1996 u peress li dak iz-zmien kien joqghod f'Al Kut, fl-Iraq, iz-zwieg kien sar fid-dar ta' missieru skond ir-rit Musulman u kien zewwighom missieru.

Damu sena jghixu ma' missieru, izda z-zwieg ma damx aktar minn sena, ghax kienu jitlewmu ta' spiss u spiccaw li martu telqet mid-dar u marret toqghod mal-ġenituri taghha.

Ir-rikorrent jispjega, kif wara li martu telqitu hu mar ighix il-Gordan fejn dam xi sena u nofs, imbaghad mar ighix l-Egittu ghal ftit xhur u mbaghad mar jahdem il-Libya u ftit wara gie Malta bhala refugjat.

Ighid li ilu mifrud minn ma' martu sa mis-sena 1997 u minn dakinhar qatt ma kien ghamel kuntatt ma' martu, ma kellhomx tfal u ma kienx hemm pendenzi fuq il-manteniment u fuq il-komunjoni tal-akkwisti.

Rat ix-xhieda ta' Annabel Cortis, rapprezentanta tal-Bord tal-Appell tar-Refugjati li esebit is-sentenza tal-Bord tal-Appell datata 8 ta' Mejju, 2007 fejn gie konfermat li r-rikorrent ghandu jinghata l-istat ta' refugjat.[1]

Rat ix-xhieda ta' Ivan Cilia, rapprezentant tas-Sigurta' Socjali, fejn jahdem bhala principal li kkonferma li r-rikorrent qatt ma ha xejn mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali u qatt m'applika ghal xi ghajnuna jew ghal xi beneficcji socjali. Jispjega li r-rikorrent kien impjegat hawn Malta u ghamel insurance number li kienet fis-sistema taghhom.

Rat ix-xhieda ta' Daniel Muscat, rapprezentant tal-Kummissarju tar-Refugjati u jahdem bhala *case worker,* li esebixxa, fost ohrajn, sentenza tal-Kummissjoni tar-Refugjati, fejn gie rrakkomandat fl-1 ta' Awissu, 2015 li r-rikorrent ghandu jinghata sena zmien, li jista' jiggeded, "special leave" biex jibqa' Malta fuq "Temporary Humanitarian Protection New grounds."[2]

Rat ix-xhieda tas-Surpretendent Louise Calleja li xehdet fuq l-*immigration status* tar-rikorrent. Tispjega kif kien dahal Malta bid-dghajsa fit-23 ta' Dicembru, 2002 u kien inghata numru tal-Pulizija 27PP. Tixhed li r-rikorrent kien ghamel talba ghall-Asylum, li giet michuda u regghet giet michuda fl-1 ta' Lulju, 2007 u kienu ppruvaw jibghatuh lura. Sadanittant kien hemm *extension of stay* li kienu nhargulu sal-25 ta' Mejju, 2004 u kien hemm ohrajn li ma marx jibgorhom. Imbaghad tispjega li fis-sena 2011 ir-rikorrent kien rega' ghamel talba ghall-extension u regghu ma setghux jibghatuh ghaliex ma kellhomx id-dokument biex jitlaq. Tghid ukoll li saru jafu li f'April 2012 sa Settembru, 2015 kellu employment licence u sussegwentement fl-1 ta' Awissu, 2015 kellu Refcom status ta' Temporary Humanitarian Protection. Hu applika ghar-residence

---

[1] Ara Dok. BJV 1

[2] Ara Dok,.BJV 2

permit. Ix-xhud tghid ukoll li ma kinitx taf ir-raguni ghaliex ma setghux jakkwistaw id-dokument li kellhom bzonn biex jibghatu lir-rikorrent lura.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Neil Harrison li jahdem fil-Legal Office Identity Malta Agency u kkonferma li kien ghamel ir-ricerki mal-units li jaqghu taht Identity Malta. Mar-Registru Pubbliku ma rrizultax li kien hemm xi att registrat bhal att tat-twelid u lanqas taz-zwieg. Ikkonferma li r-ricerka saret fuq il-karta ta' identita' numru 63293A.

Dr.Harrison ighid li kien sab file l-Expatriates Department fejn ir-rikorrent ghandu permess ta' residenza mahruga f'ismu u kien ghadu validu u jiskadi fit-22 ta' Ottubru, 2018 u dan taht Protezzjoni Umanitarja Temporanja tramite r-Refugee Commissioner. [3]

Ikkonferma ukoll li r-rikorrent skond dokument li gab Raymond Saliba, in rapprezentanza tas-Sliema Aquatic Sports Club, kien joqghod b'mod indefinit fl-isports club.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrent kien gie Malta fis-sena 2002 bhala refugjat mil-Libja. Fil-fatt il-Bord tal-Appell tar-Refugjati kien ikkonferma l-istatus tieghu bhala refugjat u dan kien fis-sena 2007. Kien izzewweg lil B fil-15 ta' Lulju, 1996 u z-zwieg ma kienx dam aktar minn sena. L-intimata kienet telqet mid-dar fejn kienu joqoghodu u marret tghix mal-genituri taghha. Ir-rikorrent ighid li ilu minn dakinhar ma jkollu kuntatt ma' martu.

Minn meta r-rikorrent gie Malta ghamel tentattivi sabiex ikollu l-istat ta' refugjat. Kien hemm diversi applikazzjonijiet ghall-extension of stay, imbaghad kienu tawh status ta' Temporary Humanitarian Protection, li kellha tiskadi fit-22 ta' Ottubru, 2018. Kellu

[3] Ara Dok.BJV3A, BJV3, BJV 4

ukoll permess ta’ residenza u rrizulta li kien qed joqghod b’mod indefinit fis-Sliema Aquatic Sports Club.

Il-Qorti tinnota li f’dan il-kaz, ir-rikorrent ma pproduca l-ebda certifikat taz-zwieg, kif hija l-prassi f’dan il-generu ta’ kawzi, pero’ gie spjegat li dan iz-zwieg kien gie ccelebrat minn missieru r-rikorrent skond ir-rit Musulman. Anke jekk jezistu xi dokumenti bhala konferma li dan iz-zwieg gie ccelebrat, isir kompitu difficili ghar-rikorrent li jakkwistahom, stante l-gwerer u l-qaghda politika tal-Iraq.

Ghaldaqstant, in vista tal-provi prodotti, gie ppruvat li r-rikorrent gie Malta bhala refugjat fis-sena 2002 u kien ilu ma jara lill-martu minn mindu abbandunat id-dar konjugali sena wara li zzewwgu u ghalhekk fis-sena 1997. Ghalhekk ir-rikorrent irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi ppruvat illi l-partijiet ilhom sseparati de facto ghal aktar minn erba’ snin,

Illi r-rikorrent ppruva ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment u ma kinux jezistu problemi dwar il-komunjoni tal-akkwisti. Lanqas ma kien jezisti c-cans ghar-rikonciljazzjoni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef** **Deputat Registratur**